Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 207/2017/1

**Clinton Debono (K.I. 422082M)**
**eżerċenti l-kummerċ bħala C & G Street Decorations**
**49, Madrab Flats, Flat 1, Gazzija Street, Birkirkara**
**(appellant)**

**Vs**

**Każin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own (VO 0563)**
**11, Valley Road, Birkirkara**
**(appellat)**

30 ta' April, 2019.

1. **L-appell sar mill-attur minn sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fis-16 ta' Novembru 2018 li laqa' t-talba għall-ħlas ta' xogħol ta' armar ta' dawl tat-toroq għall-festa tas-*Santa Croce* tat-3 ta' Mejju 2016 fis-somma ta' €435, filwaqt li ċaħad it-talba in kwantu tirreferi għal xogħol ta' armar ta' dwal fit-toroq għall-festa ta' Santa Elena tat-18 ta' Awissu 2015.**

2. Mill-atti jirriżulta li:

   2.1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-18 t'April 2017, l-attur ippremetta li għamel xogħlijiet ta' dawl ta' toroq għall-festa tas-*Santa Croce* fit-3 ta' Mejju 2016 u fil-festa ta' Sant'Elena fit-18 t'Awissu 2015 fuq inkarigu tal-istess każin tal-banda, u dan skont fatturi maħruġin minnu fis-somma ta' €2660, pero' baqa' ma tħallasx. Talab għalhekk li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas bl-imgħax sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż kontra l-istess każin.

   2.2. Il-konvenut wieġeb illi t-talba hi infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex:

(i) l-ispejjeż relattivi għall festa tas-*Santa Croce* fl-ammont ta' €600 diġa tħallsu;

(ii) l-ispejjeż relattivi għall-armar tal-festa ta' Santa Liena m'humiex dovuti stante li fiż-żmien relattiv l-attur kien membru tal-kumitat żagħżagħ u kien għamel ix-xogħol *pro bono* bil-patt u l-kundizzjoni li l-membri l-oħra jgħinuh jarma, hekk kif fil-fatt sar.

2.3. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Novembru 2018, it-Tibunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda billi:

> *'jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) u jordna lill-kazin konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) u jichadha fil-bqija.*
>
> *Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.'*

2.4. L-attur appella mis-sentenza. L-aggravju hu li t-Tribunal għal Talbiet Żgħar żbalja meta qies li l-ebda ammont ma kien dovut għall-festa ta' Santa Liena u meta qies illi l-qbil bejn il-partijiet kien illi huwa ma jitħallasx ta' xogħolu u meta qies illi huwa aċċetta li jagħmel tpaċija ma' xi riklamar. Talab għalhekk lil din il-Qorti tilqa' l-appell u:

> *'filwaqt li, jikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' €435 u ordna lill-Każin iħallas din is-somma, tħassar, tannulla u tirrevoka fil-bqija s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar datata 16 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet premessi, u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Każin Konvenut u tilqa' t-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż, kemm dawk ta' quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar u dawk ta' quddiem din l-Onorabbli Qort, a karigu tal-Każin Konvenut, issa appellat.'*

3. L-appellat wieġeb illi s-sentenza hi ġusta u timmerita konferma għaliex (i) ir-rikors tal-appell huwa irritu u null a tenur tal-artikolu 143(2) tal-Kap. 12 u dan stante li ma fihx referenza għat-talba kif trid il-liġi; (ii) fil-każ odjern ma jeżistux motivi gravi li jimmeritaw kapovolġiment tal-apprezzament tal-provi fil-prim' istanza; (iii) l-attur appellant qiegħed jipproponi l-istess argumenti li ressaq quddiem it-Tibunal; u (iv) li jaqbel kompletament mal-motivazzjonijiet tat-Tirbunal għal dak li huwa apprezzament tal-provi.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

4. Qabel xejn jeħtieġ li titqies l-ewwel eċċezzjoni għar-rikors tal-appell. L-appellat irrefera għall-artikolu 143(2) tal-Kap. 12 u argumenta li r-rikors tal-appell ma fihx referenza għat-talba kif trid il-liġi.

5. Artikolu 143(2) tal-Kap. 12 jipprovdi:

> *'Ir-rikors għat-tibdil tas-sentenza għandu jkun fih riferenza għat-talba u għas-sentenza li tkun qegħda tiġi appellata u għandu jfisser, wieħed wieħed għalih, il-kapi tas-sentenza li jsir ilment minnhom flimkien ma' raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed isir l-appell u, fl-għeluq tiegħu,* ***għandu jingħad, speċifikatament, it-tibdil tas-sentenza li jintalab dwar kull kap****'.*

6. It-talba fir-rikors tal-appell taqra:

> *".... jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha takkolji dan l-appell u filwaqt li jikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' €435 u ordna lill-Każin iħallas din is-somma, tħassar, tannulla u tirrevoka fil-bqija s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar datata 16 ta' Novembru 2018 fl-msijiet premessi, u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Każin Konvenut u tilqa' t-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż....".*

7. Huwa minnu li t-talba m'hijiex għal '*varjazzjoni*' jew '*modifika*' tas-sentenza. Madanakollu hu ċar li dak li jrid l-appellant hu li s-sentenza tkun varjata f'dik il-parti li tirreferi għax-xogħol li għamel fir-rigward tal-festa ta' Sant'Elena. Għaldaqstant, tiċħad l-eċċezzjoni.

8. L-appellat argumenta li m'hemmx raġunijiet gravi li jimmeritaw tibdil tal-apprezzament tal-provi fil-prim' istanza.

9. Hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tat-Tribunal fl-evalwazzjoni tal-provi. Madanakollu:

> *'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "****Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto****", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "****Emily Stivala et - vs- George Pace****", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000'*[1]

10. Fil-każ odjern għandu ukoll jiġi meqjus li proċediment quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar jinvolvi proċedura verament sommarja bi kriterji differenti minn dawk previsti mil-liġi proċedurali a tenur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta adoperati fil-qrati ordinarji. Għalhekk, għalkemm l-artikolu 8(3) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta'

[1] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004

Malta jagħti dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni jaqbeż elf u ħames mitt euro (€1,500):

> *'wieħed għandu dejjem iżomm in mira illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi konfezzjonata prinċipalment skond l-ekwità (Artikolu 7 tal-Kapitolu 380). Dan ifisser li fl-eżami li jrid jiġi kondott ta' l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal din il-Qorti trid tara jekk kienx hemm fil-ġudizzju magħmul leżjoni tad-dritt ekwitattiv'*[2]

11. In materja, jinsab deċiż ukoll illi:

> *'l-ġustizzja u l-ekwita` jirrikjedu illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tkun bażata **fuq il-fatti provati.**[3] Filwaqt li din il-Qorti ta' reviżjoni ma għandhiex il-kompetenza biex tissindika deċiżjoni ta' fatt li jkun wasal għaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta' kompetenza esklussiva tiegħu, din il-Qorti ma hix eskluża mill-funzjoni li tiddeċiedi jekk tali deċiżjoni ta' fatt kienetx tirrifletti l-ġustizzja sostantiva u l-ekwità. Ġustizzja sostantiva li fil-verità trid tkun bilfors konfortata b' modiku ossia minimu ta' fatt provat. Huwa wkoll prinċipju ta' ġustizzja naturali illi l-ġudikant għandu jiddeċiedi iuxta allegata et probata u ma jistax jiddeċiedi manifestament u ovvjament kontra dak li ġie quddiemu provat" – "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999'.* [4]

12. Dwar il-pretenzjoni tal-appellant għall-armar ta' dawl **għall-festa ta' Sant' Elena fit-18 t' Awissu 2015** jirriżulta li:

    i. Meta xehed l-appellant qal li għad għandu jirċievi s-somma ta' €2,000 ħlas għax-xogħol ta' armar ta' dawl għall-festa ta' Sant' Elena tal-2015 skont l-invoice a fol. 12. Din l-*invoice* ma fihiex data u ġiet biss iffirmata mill-appellant waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2017.[5] L-appellant jgħid ukoll li dan ix-xogħol kien jagħmlu kull sena u dejjem tħallas tiegħu. Madanakollu in kontro-eżami qal li fl-okkażjonijiet preċedenti li huwa kien tħallas għal dak ix-xogħol, kien għadu m'huwiex membru tal-kumitat taż-żagħżagħ;[6]

    ii. Il-pretensjoni tal-attur tinsab korraborata minn Mario Meli, ir-raġel ta' oħt l-attur, li dak iż-żmien kien teżorier tal-każin,[7] Carmelo Meli, [8] u Philip Scerri,[9] li kienu jokkupaw diversi karigi oħra. Huma xehedu li l-attur kien tahom stima ta' €2,000 u kulħadd fil-kumitat kien qabel. Mario Meli żied jgħid ukoll li John Zammit kien assigurah li l-attur kien se jitħallas għal dak ix-xogħol.[10]

---

[2] ***Schanzlin Gaby Vs Vella Joe Et***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 08.06.2005.
[3] Enfasi ta' din il-Qorti.
[4] ***Jennifer Hubbers v Rite Mix (Gatt Bros) Ltd.***, Qorti tal-Appell, 26.01.2005.
[5] Fol. 21.
[6] Fol. 34 – 35.
[7] Fol. 26.
[8] Fol. 27.
[9] Fol. 28.
[10] Fol. 26.

iii. Min-naħa l-oħra John Zammit xehed li daħal fil-kumitat fl-2016 bħala segretarju u sussegwentement ġie magħżul bħala parti minn *team* biex jieħdu ħsieb il-finanzi tal-każin, wara li Meli kien irreżenja minn teżorier. Qal li meta Meli ta *handover* tal-finanżi tal-każin, *inter alia* għaddielu l-*invoice* tal-attur għas-somma ta' €2,000 għall-armar għall-festa ta' Santa Liena tal-2015. Pero' meta ivverifika l-minuti tal-laqgħat ma sabx dokumenti li jikkonfermaw li l-każin kien aċċetta xi stima f'dak ir-rigward. Ippreżenta wkoll il-minuti tal-laqgħa tal-kumitat tal-1 ta' Ġunju 2016 minn fejn jirriżulta li fost id-dejn tal-każin hemm €3,240 għall-'*kuntrattur tad-dawl'.*[11] In kontro-eżami kkonferma li l-istatut tal-każin ma jipprekludix li membru jitħallas ta' xogħlu;[12]

iv. Xehed ukoll Matthew Bonnici,[13] li kien direttur tal-armar fil-kumitat taż-żagħżagħ tal-klabb tal-banda. Qal li l-ftehim mal-attur kien li x-xogħol isir mill-appellant b'mod volontarju peress li kien membru tal-kumitat żagħżagħ fi ħdanha, bl-intendiment li jgħinuh membri l-oħra tal-każin u li jitħallas għall-'*ispejjeż tad-diesel, tal-kiri tal-high up u l-ħlas ta' xi lavranti jekk ikun hemm il-ħtieġa tax-xogħol tagħhom'*. L-istess kliem sar in kontro-eżami;[14]

v. Mill-*invoice* a fol. 44 tal-proċess, jirriżulta li l-attur kien effettivament tħallas l-ammont sħiħ ta' €430 rappreżentanti '*hire of Hi-up for the feast of St Helen's 2015';*

vi. Matthew Bonniċi xehed ukoll li minkejja li kien hemm diversi membri tal-kumitat jgħinu fl-armar tal-festa, l-attur kellu jaħdmu miegħu xi lavranti, '*wieħed, l-aktar tnejn';*[15]

vii. Dawn kienu David Gafà[16] u Jonathan Montebello[17] li t-tnejn ikkonfermaw li fi żmien il-festi kienu jagħmlu xogħol tal-elettriku mal-attur billi jarmaw id-dawl, il-pendenti u l-festuni bil-bozoz u jqabbduhom mal-*mains* tal-elettriku li jgħaddu huma stess. Huma xehedu li kienu tqabbdu mill-attur biex jgħinuh jarma għall-festa ta' Santa Liena tal-2015, liema xogħol sar fuq medda ta' diversi ġranet, u ta' dan l-attur kien ħallashom.

[11] Fol. 43.
[12] Fol. 53 faċċata ta' wara.
[13] Fol. 45.
[14] Fol. 57 – 58.
[15] Fol. 58 faċċata ta' wara.
[16] Fol. 29.
[17] Fol. 30.

Ikkonfermaw ukoll li l-attur kien kera *high up* għal dan ix-xogħol u kien ħallas hu għalih;

viii. Fir-rigward it-Tribunal iddeċieda li kif ġej:

*'Dwar is-somma ta' elfejn u sittin ewro (€2,060) li l-attur qed jghid li ghandu jiehu ghax-xogholijiet li ghamel ghal festa ta' Santa Liena, 2015, mill-atti jirrizulta li l-provi tal-partijiet huma konfliggenti – l-attur jghid li huwa dejjem thallas ta' xogholu mill-Kazin u l-Kazin konvenut jghid li dan mhux minnu tant li l-arrangament kien li jghinuh z-zghazagh tal-kazin u l-attur jithallas biss ta' xogholu u li kien biss meta siehbu Gafa' ma ntaghzilx biex jerfa fil-festa ta' Santa Liena li huwa rrizenja mill-kumitat u beda jippretendi hlas ghax-xogholijiet tieghu.*

*... dan it-Tribunal iqis li s-sekwenza tal-invoices huwa importanti f'dan il-kaz:*

*...*

*A fol 44 invoice tal-11 ta' Marzu 2016 maqtugha u bil-kitba d-data giet taqra 31 Jannar, 2016 ghal 'Hire of Hi-up for the feast of St Helen's 2015 fl-ammont ta' erba' mija u tletin ewro (€430) u li fiha anke n-numru tal-VAT tal-attur u li thalset lill-attur.*

*...*

*... jirrizulta li ghalkemm ix-xoghol sar fis-sena 2015 l-attur dam ma baghat invoice cioe' kont ta' xogholu sal-11 ta' Marzu, 2016 jew 31 ta' Jannar, 2016 ghax l-istess invoice difatti xi hadd kien qata d-data originali u rrangaha. Jirrizulta wkoll minnha li tali kont jirrigward biss spejjez tal-festa u xejn aktar u mahruga bin-numru tal-VAT tal-attur kif del resto suppost li tohrog invoice. Jirrizulta wkoll li ta dan huwa thallas u l-attur accetta dan il-pagament minghajr ebda kondizzjoni cioe' li huwa jithallas ukoll ta' xogholu u dan ovvju ghax huwa invoice ta' xogholu ma harigx lil kazin.*

*Illi l-invoice li pprezenta l-attur ta' elfejn ewro (€2,000) a fol 12 mill-banda l'ohra ma fihx numru tal-VAT u lanqas data u mill-atti ma jirrizultax li huwa qatt ma baghat din l-invoice lil Kazin jew li l-Kazin irceva din l-invoice.*

*Hija haga stramba kif l-attur kien baghat invoice biss ghall-ispejjez inkorsi minnu u mhux ukoll ghax-xoghol tieghu meta fil-kaz ta' Santu Kruc huwa hareg invoice ghall-ispejjez u ghax-xogholijiet. Illi ghalhekk dan jikkorobora sew dak li qed jikkontendi l-kazin konvenut cioe' li l-kazin accetta li jhallas lill-attur ta' xogholu ghal festa ta' Santa Kruc minhabba li meta l-attur talab li jithallas dan kien qrib il-festa u ma setghux jaghmlu mod iehor kif ukoll jikkorobora dak li xehed Matthew Bonnici li l-arrangament mal-attur ghar-rigward il-festa ta' Santa Liena kien li huwa jithallas tal-ispejjez biss u li kienu ser jipprovdulu z-zghazagh biex jghinuh. Veru li x-xhieda imressqa mill-attur xehedu li huma dejjem thallsu ta' xogholhom mill-attur izda dan ma jnaqqas xejn mill-arrangament li kellu l-attur mal-kazin konvenut.'*

13. Fil-parti tal-appell dwar l-armar għall-festa ta' Santa Liena tal-2015, l-appellant jilmenta li t-Tribunal straħ fuq il-fattura ta' €430 maħruġa separatament għall-

ispejjeż inkorsi fil-kiri tal-*hi-up* li kienet tħallset mill-każin. Dan minkejja li t-teżi tal-każin hi bażata biss fuq ix-xhieda ta' Matthew Bondin li in kontro-eżami ikkonferma li mhux biss huwa għamel xogħlu, talli kien addirittura ingaġġa lil ħaddieħor biex jgħinu. Igħid ukoll li minn imkien fil-minuti eżibiti ma jirriżulta li ma kellux jitħallas ta' xogħolu, anzi, mill-minuti tal-kumitat tal-1 ta' Ġunju 2016 jirriżulta li fost id-dejn tal-każin kien hemm pendenza ta' €3,240 għall-'*kuntrattur tad-dawl'.* Inoltré, jikkontendi li m'hemm xejn stramb li għall-istess festa huwa talab il-ħlas għall-kiri ta' *high up* u l-ħlas għal xogħolu permezz ta' żewġ *invoices* separati. Igħid li mhux veru li huwa kien aċċetta li ma jitħallasx u dawwar il-ħsieb biss wara li sieħbu Gafà ma ġiex magħżul biex jerfa' l-vara, tant illi Gafà qatt ma sarlu kontro-eżami mill-każin konvenut.

14. Għalkemm intqal li l-attur kien ta stima tal-ispejjeż u kien hemm qbil dwarha mill-membri tal-kumitat, l-approvazzjoni tal-istima ma kinitx tissemma fil-minuti tal-laqgħat tal-kumitat tal-każin. Anthony Zammit xehed li, *"dort ukoll il-minuti tal-Kumitat Ċentrali għas-sena 2015* ***u ma sibt ebda minuta f'ebda seduta li kien hemm dwar qbil sabiex tkun aċċettata l-istima tas-sur Clinton Debono għax-xogħol tal-armar tad-dawl tat-toroq in konnessjoni mal-festa ta' Sant'Elena tas-sena 2015****"*. Min-naħa l-oħra Matthew Bonnici xehed li billi l-każin kellu ħafna spejjeż, kien ftehem mal-attur li x-xogħol isir bl-għajnuna ta' membri u partitarji, u l-attur kien ftehem li jekk jgħinuh *"... hu ma riedx ħlas għajr l-ispejjeż tad-diesel, tal-kiri tal-high up u l-ħlas ta' xi lavranti jekk ikun hemm il-ħtieġa għax-xogħol tagħhom"*.[18] Kompla jghid, *"3. Jiena qbilt ma' din il-proposta u ressaqtha quddiem il-kumitat fejn ġiet aċċettata. Clinton Debono kien preżenti waqt id-diskussjoni tal-kumitat fuq il-proposta tiegħi"*. Hawn ukoll pero' ma tressqet l-ebda minuta ta' kumitat li tikkorabora l-verżjoni li ta Bonnici.

15. Mario Meli li kien teżorier tal-każin xehed li l-kumitat kien, *"... qabel ma' din l-istima u konna qabbadna lil Clinton bħas-soltu sabiex jagħmel l-armar tad-dawl fuq dik l-istima"*.[19] Semma wkoll il-persuni li kienu membri tal-kumitat u li skont hu taw il-kunsens tagħhom għal dik l-istima. Fost dawn kien hemm Philip Scerri, li kkonferma li *"... l-kumitat kollu ta' dak iż-żmien kien aċċetta din l-istima u konna qabbadna lil Clinton bħas-soltu biex jagħmel l-armar tad-dawl fuq dik l-istima"*[20] li lanqas biss sarlu kontro-eżami.

16. L-attur ma spjegax x'wasslu sabiex l-ewwel ħareġ f'ismu kont għall-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-*high up* (datat 11 ta' Marzu, 2016 u xi ħadd biddel id-data

[18] Fol. 45.
[19] Fol. 26.
[20] Fol. 28.

għal 31 ta' Jannar, 2016) u żmien wara, mhux magħrufa d-data, reġa ħareġ kont separat għax-xogħol li għamel relatat mal-festa ta' Sant'Elena.

17. Il-qorti m'hijiex ukoll konvinta mill-kont Dok. CD2 li jirrelata ghall-festa ta' Santu Kruċ[21] meta tikkunsidra li l-attur kien diġa ħareġ kont datat 11 ta' Mejju, 2016 għas-somma ta' €600.[22] Fil-fatt waqt il-laqgħa tal-kumitat tal-1 ta' Ġunju, 2016 inkiteb li, *"Dwar id-dawl li ntrema' għall-festa ta' Santu Cruc, liema festa ma saritx, kien hemm ftehim mal-kuntrattur għall-prezz ta' €250 u li issa l-kont ġie ta' €600"*. Fil-fehma tal-qorti dik hi prova li sal-1 ta' Ġunju 2016 l-attur kien għadu ma ħariġx il-kont Dok. CD2 li hu għas-somma ta' €660. B'riferenza għall-kont ta' €600 l-attur ingħata ċekk datat 2 ta' Diċembru, 2016 għas-somma ta' €435 u tnaqqset is-somma ta' €165 għal reklamar.[23]

18. Pero' fil-laqgħa tal-kumitat tal-1 ta' Ġunju, 2016 kien *minuted* li s-soċjeta għandha dejn ta' €3,240 tad-dawl. Matthew Bonnici xehed,

> *"7. Fil-lista li semma Mario Meli kien hemm li Clinton Debono kellu jieħu s-somma ta' 3240 Euro.... Meta Mario Meli tana l-lista tad-dejn li kellul l-każin hu tagħilna minn fuq biċċa karta mingħajr ma ġew preżentati ebda invoices. Il-membri konna nafu bl-arranġament li semmejt, mal-ewwel ġbidna l-attenzjoni lil Mario Meli li l-ammont li semma li kellu jieħu Clinton Debono ma kienx kollu dovut fid-dawl tal-arranġament li kien hemm bejnietna"*.

19. Min-naħa tiegħu John Zammit, segretarju, kien mistoqsi *"Issa dakinhar pero' dan id-dejn li qalilkom bih intom kontu aċċettajtu li kien hemm dan id-dejn ?"*, u wieġeb: ***"Li hemm dak id-dejn u aċċettajna"***. Għalkemm semma wkoll li kien hemm diskrepanza *"... milli qalilna li kellu jieħu l-kuntrattur tad-dawl għal meta effettivament tani l-invoices lili"*, ma spjegax fhix kienet tikkonsisti d-diskrepanza.

20. Hu evidenti li Bonnici u Zammit ma tawx verżjoni simili. Zammit ippreżenta kopja tal-minuti tal-laqgħa li fiha t-teżorier ta rendikont tad-dejn. Minuti li l-qorti qegħda tifhem li kienu nkitbu minn Zammit peress li hu segretarju. Tant hu hekk li huma ffirmati minnu.

21. Mill-minuti hu evidenti li fir-rigward tal-festa ta' Sant'Elena ma sar l-ebda kumment waqt dik il-laqgħa, kuntrarjament għal dak ta' Santu Kruċ. M'huwiex kontestat li l-kuntrattur tad-dawl li jissemma fil-minuti, hu l-attur. Il-verżjoni ta'

---

[21] Fol. 13.
[22] Fol. 37.
[23] Fol. 10.

Bonnici m'hijiex korraborata minn dawk il-minuti, u li huma l-aħjar prova ta' dak li kien intqal a *tempo vergine*. Il-qorti tippretendi li jekk kien hemm kwistjoni dwar il-ħlas dovut lill-attur, il-membri kienu jitkellmu dakinhar u l-oġġezzjoni tiġi *minuted*.

22. It-Tribunal jidher li ta ħafna piż għall-fatt li l-attur bagħat kont biss għall-kiri tal-high up u naqas milli fih jinkludi ħlas għax-xogħol tiegħu. Kompla jgħid, *"…. meta fil-każ ta' Santu Kruċ huwa ħareġ invoice għall-ispejjeż u għax-xogħlijiet"*. Pero' l-kont li rrefera għalih it-Tribunal dwar il-festa ta' Santu Kruċ kien it-tieni kont li ħareġ wara l-laqgħa tal-1 ta' Ġunju, 2016. Kont għal €660. Sa dik il-laqgħa l-kont dwar il-festa ta' Santu Kruċ kien dak datat 11 ta' Mejju, 2016 għas-somma ta' €600 (ara kont a fol. 37) u li kien jirreferi biss għall-armar *"ta pendenti u reflectors fi Triq il-Wied"*.

23. It-Tribunal poġġa ħafna enfażi fuq il-fatt li l-attur ma kienx ħareġ kont għax-xogħol li għamel fir-rigward tal-festa Sant'Elena. Min-naħa l-oħra naqas milli jqies dak li nkiteb fil-minuti tal-laqgħa tal-1 ta' Ġunju, 2016 li l-każin kellu dejn mal-kuntrattur tad-dawl fl-ammont ta' €3,240.

24. Fl-affidavit John Zammit xehed li fil-laqgħa tal-1 ta' Ġunju, 2016, Mario Meli (kaxxier) kien ta rendikont tad-dejn li kellha s-soċjeta. Hu veru li xehed ukoll li ma ngħatax rendikont dwar is-somma ta' €3,240, pero' hu stess xehed li l-membri aċċettaw li kien hemm dak id-dejn. Tant hu hekk li fil-minuti jingħad li l-kumitat ħa deċiżjoni li sabiex isiru l-ħlasijiet, ***"... ser isir depożitu ta' 10,000 euro ġo fixed account u nieħdu overdraft bl-iskop li fi żmien tlett snin jinqata' d-dejn kollu"***. Ħadd minn dawk preżenti ma esprima xi riżerva dwar id-djun li ssemmew minn Mario Meli.

25. Hu evidenti wkoll li John Zammit ma jafx x'seta' kien il-ftehim mal-attur, għaliex hu stess xehed li kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-Kumitat minn Marzu 2016 sa Marzu 2017 u m'hemmx prova li fiż-żmien rilevanti kien membru tal-kumitat.

26. Hemm ukoll nuqqas ta' kompatibbilita bejn li fid-difiża intqal li ħlas m'huwiex dovut għaliex ix-xogħol kellu jsir *pro bono* filwaqt li x-xhud Matthew Bonnici qal li l-attur kellu jitħallas ukoll tad-diesel u n-nies li jqabbad biex igħinuh isir ix-xogħol. Il-qorti tifhem ukoll li jekk ix-xogħol kellu jsir mill-attur bl-għajnuna tal-membri l-oħra tal-każin u ħadmu dawk in-nies kollha li semma Bonnici, ma kienx hemm skop li jinkariga tnejn min-nies u jħallashom. Mill-provi rriżulta li l-attur qabbad tnejn min-nies biex igħinuh u ħallashom għax-xogħol li għamlu (ara

affidavit ta' David Gafa u Jonathan Montebello li ma sarilhom kontro-eżami u l-verżjoni li taw ma ġietx kontradetta).

27. F'dan il-kuntest hija kredibbli x-xhieda ta' Mario Meli fis-sens illi '*kull meta kont inkellem lil Clinton fuq il-ħlas kont ngħidlu biex jagħtini ftit żmien peress li dak iż-żmien konna qed nibnu l-każin u kellna ħafna spejjeż ... u Clinton qatt ma sab oġġezzjoni li l-ħlas jsir meta l-Każin ikun komdu, basta jitħallas, bħal ma dejjem kien tħallas'*.[24]

28. Meta l-qorti tikkunsidra dak li xehedu Mario Meli, Carmelo Meli, Philip Scerri, David Gafa', Jonathan Abela u dak li nkiteb fil-minuti tal-laqgħa tal-1 ta' Ġunju, 2016 il-qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn il-verżjoni tal-attur ma kellhiex titwemmen. Dan ovvjament flimkien mal-konsiderazzjonijiet l-oħra magħmula hawn fuq. Filwaqt li hu minnu li l-każ instema' quddiem it-Tribunal, pero' min-naħa l-oħra din il-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal ma kkunsidrax b'mod adegwat il-provi kollha li ressaq l-attur. Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jintlaqa'.

29. Dwar il-pretensjoni tal-appellant għall-armar ta' dawl **<u>għall-festa tas-*Santa Croce* fit-3 ta' Mejju 2016</u>** jirriżulta li:

i. Skont fattura maħruġa mill-appellant datata 11 ta' Mejju 2016, is-somma dovuta lilu għal dan l-armar huwa fis-somma ta' €600.[25] Fattura oħra maħruġa mill-appellant għall-istess xogħol tinsab a fol 13 iżda din mhix datata u apparti €600 għall-armar tinkludi ukoll €60 għal kiri ta' *high up;*

ii. Il-każin appellat ikkonċeda li s-somma ta' €600 hija dovuta hekk kif konfermat minn bosta xhieda. Iżda peress li l-appellant kellu jħallas lill-kumitat is-somma ta' €165 għal reklamar, inħariġlu ċekk għall-bilanċ fis-somma ta' €435;[26]

iii. Fix-xhieda tiegħu a fol. 20 *et seq*. l-appellant iddikjara li huwa jaqbel mal-pożizzjoni tal-każin, fis-sens illi kellha titnaqqas is-somma relattiva għar-reklamar.[27] Dan ikkonfermah ukoll in kontro-eżami.[28] Madanakollu jikkontendi li s-somma dovuta kienet ta' €660 mhux €600 biss stante li kien hemm ukoll spiża ta' €60 għall-*high up.* Għalhekk il-bilanċ ma jaqbilx. Ikkonferma ukoll li huwa ma sarrafx iċ-ċekk mibgħut lilu mill-każin fuq

[24] Fol. 26.
[25] Fol. 37.
[26] Fol. 8 – 10.
[27] Fol. 22 quddiem u wara.
[28] Fol. 32.

parir tal-avukat tiegħu għaliex il-każin ippretenda li dak l-ammont kien a saldu ta' l-ammont sħiħ dovut lilu;

iv. Fir-rigward it-Tribunal iddeċieda li kif ġej:

> *'... Mill-atti jirrizulta li a fol 13 li l-fattur (bla data u bla numru tal-VAT) hija ta' sitt mija u sitt in ewro (€660) ghax tinkludi sittin ewro (€60) kiri ta' high up. Jirrizulta wkoll li l-attur kien accetta l-hlas ta' sitt mitt ewro (€600) u dan minn l-ittra li huwa baghat lil Kazin fis-07 ta' Dicembru, 2016 permezz tal-avukat tieghu Dr Daniel Buttigieg u anke a fol 37 tal-process li hija invoice li hareg l-attur bin-numru tal-VAT tieghu fuqha datata l-11 ta' Mejju, 2016 fl-ammont ta' sitt mitt ewro (€600). L-istess ittra a fol 9 tghid specifikament li huwa accetta l-hlas ta' sitt mitt ewro (€600) li minnhom tnaqset is-somma ta' mija u hamsa u sittin ewro (€165) xoghol ta' reklamar li ghamel l-kazin ghal konvenut u li l-bilanc ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) li tieghu l-kazin konvenut baghat cekk kien ser jissarraf bla pregudizzju ghal dak dovut ghax-xogholijiet li saru ghal festa ta' Santa Liena.*
>
> *Veru li imbaghad meta gejna ghal kawza l-attur pprova jikkoncinci lil dan it-Tribunal li huwa ma accetta xejn ghax ic-cekk ma ssarafx u ghalhekk qed jippretendi li jithallas is-somma ta' sitt mija u sittin ewro (€660) izda fol 9 kif korroborata mill-invoice a fol 37, huma provi cari li l-ammont dovut ghax-xogholijiet tieghu ghal festa ta' Santa Kruc hija ta' sitt mitt ewro (€600).*
>
> *Ghaldaqstant is-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) hija dovuta lill-attur mill-kazin konvenut.'*

30. Fil-parti tal-appell in diżamina relattiva għall-pretensjoni tal-appellant għall-armar għal din il-festa, huwa jilmenta li '*ma tirriżulta assolutament l-ebda raġuni fl-atti għaliex l-esponenti għandu jiġi mċaħħad mis-somma ta' €60 għall-high up jew li għandhom jitnaqqsu s-somma ta' €165 tar-reklami*'.

31. Dan l-ilment huwa fieragħ għaliex:

i. Ibda biex, kien l-appellant stess meta xehed ikkonferma li kellha titnaqqas is-somma relattiva għar-reklamar li kien sarlu. Mistoqsi mit-Tribunal jekk '*Bħala Santu Krucc biss, qed jaqbel li kellhom inaqqsu dik is-somma ta' reklamar?*' huwa wieġeb ***'Iva naqbel magħha'***. [29]

ii. L-uniku kontestazzjoni tiegħu dwar dan il-kont partikolari kienet fir-rigward tas-somma ta' €60 għal-*high up.* Pero' l-ilment tiegħu f'paragrafu 19 tar-rikors tal-appell m'huwiex kompatibbli mat-talba li għamel, sabiex din il-qorti tikkonferma *"dik il-parti tas-sentenza fejn t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' €435 u ordna lill-każin iħallas din is-somma"*.

[29] Fol. 22.

**Għal dawn il-motivi, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tas-16 ta' Novembru, 2018 fis-sens li tilqa' wkoll it-talba tal-attur għall-ħlas tas-somma ta' elfejn ewro (€2,000) u tikkundanna lill-konvenut iħallas ukoll din is-somma bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-avviż tat-talba. Spejjeż tal-ewwel istanza u tal-appell jinqasmu in kwantu għal 8/9 a karigu tal-konvenut u 1/9 a karigu tal-attur.**

**Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal.**

Anthony Ellul.